# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 11 ta' 2023, miżmuma nhar it-26 ta' Settembru 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u ghaxra ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Stephen Gatt | Balzan LC | Membru Delegat |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Bahar LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

C.G.V.

**AĠENDA**

11.1: Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
11.2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
11.3: Komunikazzjoni tal-President;
11.4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
11.5: Kumunikazzjoni
 11.5.1 Regjun Lvant – Totem Poles
 11.5.2 PRO's Meeting minutes
 11.5.3 Lesa MOU
 11.5.4 Talba ta'ghajnuna – Puttinu Cares
 11.5.5 Talba ta'Ghajnuna – Ufficjali ta' L-infurzar – Greenlane Merigold Foundation
11.6: Rapporti;
 11.6.1 Rapport tal-Bord ta' l-Ghazla
11.7: Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;
 11.7:1. Bollol Regjonali
 11.7.2 Bulky Waste
 11.7.3 Progetti
 11.7.4 Ambjent
 11.7.5 Skart
 11.7.6 Trasferiment ta'firmatari – Bank
 11.7.8 Milied 2023
 11.7.9 Team Building Regjun Tramuntana
 11.7.10 AGM Regjun Tramuntana
11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:10 mill- President, is-Sur Clifford Galea

Il-President fetaħ il-laqgħa billi irringrazzja lill-membri tas-sapport li tawħ f'dawn l-aħħar xhur.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Kyle Mifsud u Alfred Grima kienu skużati.

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 10 miżmuma fit-22 ta' Awissu 2023 ittieħdu bħala moqrija.
John Buttigieg ipproponi li jkunu approvati. Paul Vella issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

Clifford Galea

## - 3.1 Komunikazzjoni mil-President

Il-President ~~Clidfford Vella~~ tkellem dwar il-Festival tal-Korijiet tal-Milied fejn qal li kien sorpris jara dan meta fis-sena ta' qabel kien hemm decizjoni tal-membri li ma nkunux parti minn dan il-programm. Huwa staqsa x'ġara. Il-membri qalu li tresqet korrispondenza fuq dan



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

is-suggett u wara diskussjoni bejn l-istess membri, dawn qablu li r-Reġjun jidħol jassisti f'dan il-festival bil-budget ta' 10K ewro li gew ivvutati, u dawn biex ikopru l-ispejjes tat-trasport. John Buttigieg ippropona li ir-Regjun jgħin biss fit-trasport relatat mal-festival, u mhux dak mil-ajruport. Trevor Fenech staqsa jekk dawn il-korijiet hux ser ikunu qed imorru fil-lokalitajiet kolha? il-membri kienu infurmati li skont il-progrmm propost, dawn il-korijiet ser ikun qed imorru fil-lokalitajiet kolha b'numru ta' kunċerti fil-knejjes parrokjali kif ukoll b'parteċipazzjoni ta' korijiet fil-quddies tal-Ħadd. Chris Grech qal li la darba ir-Reġjun mhux ser ikun involut biex jassisti il-parteċipanti fl-akkomodazzjoni jew l-ivjaġġar lejn Malta, allura kien possitivi li ngħinu fl-attivita. Il-membri qablu li Reġjun jgħin fit-trasport meħtieġ matul il-festival, dak marbut mal-knejjes.

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Stephen Gatt staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp rigward il-problema tal-ħamiem. Ir-Reġjun qed iġieb l-informzjoni ta x'kienu qed jagħmlu il-Kunsilli u kemm intneffaq biex jieħdu ħsieb din il-problema, ser ukoll iġġib kwotazzjoni għal dan is-servizz.

Chris Grech staqsa rigward it-tender tac-CCTV. Is-SE wieġeb li ser ikun qed jibatlu kopja sa l-aħħar tax-xhar.

John Buttigieg staqsa rigward il-tender tal-waste u jekk kienx hemm xi żviluppi fuq dak mitkellem. Ir-reġjun żamm laqgha mal-kuntrattur fejn dan kien wiegħed numru ta' affarijiet. Sal-ġurnata presenti, ma' kien hemm l-ebda kambjament. Il-Presidnet ippropona li jagħmel laqgħa mal-kuntrattur. Il-membri qablu li l-Presidnet u r-Reġjun jiltaqgħu mal kuntrattur u jkun hemm implimentat dak mitlub.

Stefan Cordina staqsa fuq il-kuntratt li kellha l-AKL dwar il-ħamiem. Ir-Reġjun ser ikun qed jara x'jofri is-suq u xkien qed jintnefaq mill-kunsilli fuq dan l-għalf.

## 5.1 Komunikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza mir-Reġjun Lvant biex ir-Reġjun Tramuntana iħallas it-totem poles ta' tlett kunsilli li issa saru parti mir-Reġjun Lvant li qabel kienu parti mit-Tramuntana (dawn huma Pembroke, Swieqi u Għargħur). Il-President qal li hu ma jaqbilx li Ir-Regjun Tramuntana jidħol għal din l-ispiża ġa la darba dawn ma għadhomx parti mir-Reġjun. Paul Vella issekondah. Il-Membri qablu unaniment.

Proposta ta'għajnuna biex issir attivita favur Puttinu Cares. Trevor Fenech staqsa jekk din l-attivita hijiex minn Pittunu Cares jew inkella minn artist/i u il-fondi ser imorru favur Puttinu Cares; fil fatt l-attivita hija imtella minn terzi favur Puttinu Cares. John Buttigieg ippropona li Reġjun jixtri numru ta CD's u diski u bhekk ikun qed jgħin fl-spiza ta' din l-inizjattiva. Saret diskuzjoni jekk ir-Reġjun hux ser jibda jikkonsidra talbiet hekk. Il-proposta ta John Buttigieg kienet issekondata min Paul Vella. Ir-Reġjun ser ikun qed jgħin billi jixtri 500 ewro ta Cd's. Il-membri qablu unanimament.

It Talba ta' għajnuna biex ir-Reġjun jgħin billi jirporvdi uffiċjali ta' Lesa għal greenlane imtella biex tassisti lil merigold fondation kienet aċċetata ukoll.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

l.b.v.

## 6.1 Rapporti

Is-Segretaju Esekuttiv ippresenta ir-rapport tal-bord ta l-għazla biex jiddaħlu zewġt skirvana ġodda. Ir-raport irrakomanda biex Christian Grima u Luke Saliba ikunu ingaġġati mir-reġjun bhala skrivana. Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li rapport ikun approvat. Angelo issekonda. Il-membri qablu unaniment. Il-bord kien kompost mil-Presidnet Clifford Galea, u il-membri John Buttigieg u Paul Vellla.

Kien ukoll ippreżentat rapport fuq il-Community Innovation Fund. Anne Marie Muscat Fenech Adami qalet li il-ħlas mitlub lura mid DLG kien mitkellem waqt laqgha tar-Reġjun. Angelo Micallef talab li mar rapport ikunu mhemuza il-minuti fejn kien diskuss dan il-proġett.

#

### 7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;

Milied 2023. Chris Grech spejga li din is-sena id-Dipartiment mhux ser ikun qed joħroġ skemi tal-Milied u talab li Reġjun jgħin iktar biex isiru attivitajiet. Huwa staqsa jekk Ir-Reġjun jistax li minflokk l-4 t'elef ewro għajnuna, għal din is-sena din titla għal 10,000 ewro kull kunsill. Saret diskusjoni u Il-President ippropona li għal din id-darba biss, ir-Reġjun jgħin iktar b'10'000 ewro. Chris Grech issekonda. Il-membri qablu unaniment.

Il-Presidnet ippropona li Reġjun jagħmel sinjali ta' Merħba fit truf tal-lokalitajiet tagħna. Wara li saret diskusjoni, Trevor Fenech issekonda il-mozjoni. Il-membri qablu unaiment.

Zjara Brussel – ir-Reġjun għamel bookings għal dawk telgħin Brussel. Intgħażlet lukanda, li irriżulta li mhiex ta' livell adekwat. Paul Vella ippropona li din tinbidel u jkun hemm hotel aħjar. Angelo Micallef issekonda. Il-membri qablu unaiment.

Proposta AKL/Idea Academy. Il-President talab lis-Se biex jofri din il-proposta lill ħaddiema kollha, fejn ir-reġjun ikun qed jassisti jekk dawn jixtiequ jistudjaw. Angelo Micallef qal li jekk ir-reġjun ikun qed jgħin finanzjarjament, allura issir kuntratt ma' l-impjegat li jorbot l-impjegat għal perjodu ta' żmien wara li jlesti l-istudju. I-membri qablu unaniment.

Il-Presidnet ippropna li Reġjun jixtri sett ta' tazzi u muggijiet li jkollhom l-emblema tar-Reġjun. Il-membri issekondaw u qablu ma din il-proposta. SE intalab igib tlett kwotazjonijiet u jmexxi biex jinxtraw.

Il-president tkellem dwar laqgħa li Reġjun kellu ma Focus Europe, NGO li taħdem u tgħaqqad numru ta' Kunsili u reġjuni f'pajjizi differenti fl-ewropa. Dan il-grupp jassisti f'numru ta applikazjonijiet ta fondi ewropej. Il-sħubija hija ta elfejn ewro fis-sena. John Buttigieg qal li l-skop ta l-għada huwa posittiv u jaqbel ma l-isħubija fija, u qal li s-suċċess ta' din l-inizjattiva jaqa' fuq kemm ikun proattiva il-parteċipant. Il-president ippropona li Reġjun jissieħeb ma Focus Europe. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unaniment.

### 7.2 Waste Collection –

Il-laqgħa twaqfet għal ftit minuti sabiex issir presentazjoni fuq sistema gdida ta' Bulky Refuse. Wara li infetħet il-laqgħa, kien maqbul mas sur Gorg Borg D'Anasatsi li jressaq proposta finanzjarja dwar din is-sistema għal-laqgħa li jmiss.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

C.G.V.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Aderemi Baderinwa jgħati rendikont fuq is-sistema ta'l-iskart. Is-sur Baderwina ippresenta rapport ta'spejjez marbuta mas-Sistema u xkin inġabar fdwn laħħar xhur.

Anne Marie Muscat Fenech Adami tkellemt rigward in-nuqqas ta' infurzar li jezizti. Tgħalbet li ssir ittra fejn ikun mitlub iktar infurzar u din tkun iffirmata mil-membri kollha.

Talba biex jinxtara Mac book ġdid. Il-president talab lil membri biex Ir Regjun jixtri computer ġdid minħabba li l-ieħor mar għal-kollox. Stefan Cordina qal lil President u SE ma għandhomx għalfejn iresqu tali materji mal-mejda u dawn id-deċizjonijiet jittieħdu bejnithom bħala parti mil-administrazjoni tar-Reġjun. Il-membri qablu ma dan.

Trevor Fenech semma li Malta Gaming Authority qed titlob li tibda titħallas 25 ewro liċenzja kull darba li issir attivita ta'tombla. Huwa qal li djar tax-xjuh huma esentati.

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Tlett skedi – 164,165 u 166, kienu ippreżentati. Paul Vella ippropona li jkunu approvati. Angelo Micallef issekonda l-mozzjoni. Il-membri l-oħra qablu unanimament. L-iskedi kienu approvata.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta,17 ta' Ottubru 2023, fis-sitta ta' filgħaxija.

Clifford Galea Vella
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 17 ta' Ottubru, 2023